QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Matthew Grech**

Numru: 11/2018

Illum 14 ta' Settembru 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Matthew Grech,** ta' wieħed u għoxrin (21) sena, iben John u Joanne nee' Portelli, imwieled ir-Rabat, Għawdex fit-30 ta' April 1997, residenti fil-fond 'John Joanne', Triq Girgor Buttigieg, Nadur, Għawdex u detentur tal-karta tal-identita' Maltija 14697G, akkużat talli nhar id-19 ta' Ġunju 2016, għall-ħabta ta' 11.30a.m. u/jew fil-ħinijiet ta' qabel waqt li kien qiegħed fil-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien, limiti tal-Qala Għawdex u/jew f'dawn Gżejjer;

1. B'nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, waqt li kien qiegħed isuq RIB bin-numru tar-reġistrazzjoni S20918 involontarjament ikkaġuna l-mewt ta' Allan Michael Stanley u dan bi ksur tal-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9;

2. U aktar talli nhar id-19 ta' Ġunju 2016 fil-Għassa tar-Rabat, Għawdex quddiem il-Perit Legali nominat mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jisma' x-xhieda bil-ġurament relattiv għall-inċident fatali li fih tilef ħajtu Allan Michael Stanley ħalef falz u dan bi ksur tal-Artikolu 108 tal-Kapitolu 9;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż inkorsi bil-ħatra ta' esperti u/jew periti fl-inkjesta maġisterjali li nżammet dwar ir-reati mertu tal-akkużi odjerni, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali (*a fol.* 492 u 493) datata 23 ta' Jannar 2020 li permezz tagħha bagħat lill-imputat Matthew Grech biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

(1) Fl-Artikoli 225(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikoli 108(1)(a)(b), 109(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-12 ta' Marzu 2020 (*a fol.* 497 u 498), ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fit-23 ta' Jannar 2020, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Semgħet, waqt l-udjenza tat-12 ta' Marzu 2020 (*a fol.* 497 u 498), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u b'hekk għalqet il-provi tagħha;

Semgħet, waqt l-udjenza tat-22 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 503), lid-difiża tiddikjara li ma kellhiex provi xi tressaq f'dan il-każ;

Semgħet, waqt l-udjenza tat-22 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 503), sottomissjonijiet finali da parte ta' Dr. Kris Borg għall-parte ċivile u da parte ta' Dr. Joe Giglio għall-imputat.

**Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.**

**<u>Il-fatti specie tal-każ</u>**

Nhar il-Ħadd, dsatax (19) ta' Ġunju 2016, għall-ħabta ta' nofsinhar u għoxrin ta' wara nofsinhar (12:20hrs), daħal rapport minn Dr. Peter Muscat MD mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex illi raġel ta' erbgħa u sittin (64) sena kien iddaħħal l-isptar bl-ambulanza u miet wara li allegatament ġie milqut b'dgħajsa waqt li kien qiegħed jgħum Ħondoq ir-Rummien.

Il-Pulizija mill-ewwel bdiet bl-investigazzjonijiet tagħha b'rabta ma' dan ir-rapport. Irriżulta illi l-vittma kien Allan Michael Stanley, raġel ta' nazzjonalita' Ingliża residenti l-Qala, Għawdex, detentur tal-passaport Ingliż bin-numru 518733324. Gie infurmat ukoll il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Paul Coppini li min-naħa tiegħu immedjatament ordna l-ftuħ ta' din l-Inkjesta Maġisterjali.

Irriżulta wkoll li fil-ġurnata li seħħ l-inċident, id-dinghy li kien involut fl-inċident u ċioe' d-dinghy reġistrat bin-numru S 20918 kien armat b'magna Yamaha 50 HP meta suppost skont ir-reġistrazzjoni li kienet għadha viġenti dakinhar, id-dinghy kellu jkun armat b'magna Yamaha 30 H.P.

Il-każ ġie investigat mill-Ispettur Bernard Charles Spiteri tad-Distrett ta' Għawdex.

**XHIEDA**

F'dan il-każ xehdu 25 xhud:

*Keith Raymond Brown (a fol. 340 et seq.), Dr. Ali Salfraz u Dr. Michael Refalo (a fol. 352 et seq.), Dr. Peter Muscat (a fol. 354 et seq.), Max Xuereb (a fol. 357 et seq.), Alice Peplow (a fol. 359 et seq.), Kaptan Joe Gabriele (a fol. 373 et seq.), PS 676 Edelon Spiteri (a fol. 380 et seq.), Dr. Jean Paul Grech (a fol. 382), PC 1058 Noel Mercieca (a fol. 387 et seq.), PS 698 Shaun Tabone (a fol 390 et seq.), Christian Michael Vermaak (a fol. 398 et seq.), Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 406 et seq.), PC 1427 Oliver Micallef (a fol. 413), Diane Georgina Stanley (a fol. 420 et seq.), PS 581 Loreto Buttigieg (a fol. 441 et seq.), Staff Sergeant Keith Felice (a fol. 443 et seq.), Staff Sergeant George Borg (a fol. 445 et seq.), Jonathan Grech (a fol. 447), Shanna Josephine Grech Xerri (a fol. 448), Kaptan James Gauci (a fol. 452 et seq.), Alice Peplow (a fol. 470), PS 559 Jason Spiteri (a fol. 482 et seq.), PC 80 Stephen Mercieca (a fol. 484 et seq.), PC 688 Josmar Muscat (a fol. 486 et seq.), PS 342 Johan Said (a fol. 499).*

## KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

### Preliminari[1]

Din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jiġu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha u li jkunu magħmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-proċedura ma jistgħux jiġu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jiġu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiża ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tiġi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jinġiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu ġew miktuba u preżentati quddiemha mill-Pulizija Eżekuttiva jew skont kif ikunu ġew miżjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux

[1] Il-Qorti qegħda tibbaża dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Maġistrat illum Imħallef Aaron Bugeja fil-kawża il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. Deċiża fil-5 ta' Frar 2016

aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkużatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irriżulta matul il-kors tal-proċess penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn ċertu ġurisprudenza fir-rigward tal-proċedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' ġurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' preġudizzju għall-proċeduri penali u għad-drittijiet tad-difiża.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull każ huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Liġi u fil-Liġi. Din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeċiedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodiċi Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Ċivili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura ċivili li mhumiex previsti mill-Kodiċi Kriminali bħala li jistgħu jiġu emanati minn Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

F'kull każ pero', stante li din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinċiment morali u suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju

dettat mir-raġuni. Mill-banda l-oħra, jekk id-difiża tagħżel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-każ, huwa biżżejjed għad-difiża li tikkonvinċi lil Qorti bit-teżi tagħha fuq bażi ta' konvinċiment morali li jistrieħ fuq bilanċ ta' probabbilta' u f'każ li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħosshiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma prinċipji kardinali li jsawru l-proċediment penali Malti. Jogħġbuna jew ma jogħġbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bażilari li jistrieħ fuqhom il-proċediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiġġudika dan il-każ skont l-akkuża li ġiet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawża intrapriża mill-Prosekuzzjoni u tiddeċiedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni preżentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Il-verita' storika</u>**[2]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita' storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwassluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex

[2] Ara spjega dettaljata tal-Imħallef Aaron Bugeja fl-Appell Kriminali numru 237/2017 Il-**Pulizija vs Massimo Bonello** deċiż 6 ta' Frar 2020

il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita' storika mit-testimonjanza tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta' u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċioe' li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvija lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita'.

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali mnissla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero' jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċioe' l-***Law of Evidence***. Jekk dawk

il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emmnut, in kwantu f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta xhieda esperta ex-parte. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarrku bħal xhieda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xhieda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarrġa minnhom u li fuqhom ikunu bbażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xhieda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xhieda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero' li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xhieda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl-artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali.

Eċċezzjonalment pero', jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xhieda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal-imputat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[3] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitressqu quddiemha.

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbiltajiet. Fil-każ Ingliż **Majid**,[4] Lord Moses stqarr hekk :

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[5] jgħidu s-segwenti :

[3] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[4] ibid.
[5] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

*In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637[6] tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu

[6] Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida ċara lill-Ġudikant kif għandu japprezza xhieda ta' xhud: *id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Biss, kif intqal aktar 'il fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix- xhieda jixhdu quddiemha. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xhieda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xhieda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanti ħafna u għandu jingħata l-piż li jixraqlu.

Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża Il-**Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bzonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara **Powell, On Evidence**, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Inglizi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "*great weight should*

*be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived*" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*".

**Ikkunsidrat:**

Kif diġa' ddikjarat aktar 'il fuq kuntrarjament għall-kamp ċivili fejn min iressaq pretensjoni jkun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wieħed pjuttost oneruż fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni għandha l-obbligu li hija tressaq l-aħjar prova biex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan għaliex kif jgħid il-**Manzini** fil-ktieb tiegħu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Kif kellha l-opportunita' tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronunċjamenti preċedenti, sabiex imputat jigi ddikjarat ħati, l-imputazzjoni dedotta għandha tiġi pruvata *oltre* kull dubju raġjonevoli, ċioe' oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti tagħmilha ċar li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex l-imputat jiġi ddikjarat liberat, hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni".* F'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta'

prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-każ **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

Il-fatt li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'għandux a priori jeskludi sejbien ta' ħtija għall-akkuzi li jkunu ġew dedotti. Kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*. F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie

sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

L-istess linja ta' ħsieb ġiet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t'Ottubru 2006)."*[7]

[7] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deċiża fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deċiża fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deċiża fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deċiża fit-13 ta' Jannar 2016).

Magħmulin dawn l-espożizzjonijiet ġenerali li huma ta' rilevanza għal kull każ, iżda b'mod partikolari għall-każ odjern, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tevalwa r-reati li bihom qiegħed jiġi akkużat l-imputat u jekk tali akkużi irriżultawx ippruvati.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar eċċezzjonijiet tad-difiża</u>**

1. **<u>In-nomini tal-esperti</u>**

In linea preliminari d-difiża ssollevat l-eċċezzjoni li r-rapporti tal-espert legali u tekniku Dottor Jean Paul Grech u tal-Kaptan Joe Gabriele m'għandhomx jittieħdu in kunsiderazzjoni stante li l-esperti marru barra l-limitu tal-inkarigu mogħti lilhom għaliex ma kellhomx fakulta' li jieħdu xhieda bil-ġurament. Dan għaliex fit-termini tad-digriet datat 19 ta' Ġunju 2016, l-esperti legali kienu ġew nominati biss sabiex "*jezamina/tezaminha u jistabilixxi/tistabilixxi c-cirkostanzi li gabu din l-inkjesta*" u li "*ir-rapport ta' l-espert ghandu jkun mahluf bil-gurament mill-istess espert*" iżda imkien ma hemm imniżżel li l-esperti maħtura għandhom jieħdu l-istqarrijiet ġuramentati.

It-*template* standard li ilha tintuża fin-nomini ta' espert f'inkjesti f'Għawdex hija monka għaliex ma tipprovdix li espert jisma' x-xhieda bil-ġurament imma tgħid biss li l-espert għandu jaħlef ir-rapport tiegħu fi tmiem l-inkarigu (**Ara nomini *a fol* 30 u 31 tal-process**). Imkien fil-formola m'hemm li l-esperti nominati għandhom il-fakulta' li jieħdu x-xhieda bil-ġurament. Il-Qorti tinnota din id-deskrepanza għaliex fir-rapport tal-espert Grech **<u>li huwa wieħed ta' livell għoli ħafna kemm fejn</u>**

**<u>jidħol ġbir ta' provi u kemm l-analizi legali</u>** jintqal *"Fil-kors ta' din l-inkjesta l-esponenti gie mahtur bhala espert legali sabiex jezamina c-cirkostanzi kollha tal-kaz, jaghmel l-indagni relattiva, jisma' x-xhieda bil-fakolta` li jamministra l-gurament skond il-ligi, u sabiex fl-ahhar nett jirrelata bil-miktub fuq dak li jsib u jirrizultalu partikolarment jekk hemmx lok li jittiehdu passi kriminali kontra xi persuna u fuq l-iskorta ta' liema artikoli tal-ligi."* Ħasra li difett amministrattiv iwassal għal talba biex ir-rapport ta' Grech u ta' Gabriele jkunu skartati.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Jason Calleja'**[8] sostniet:

> **"S'intendi, certi decizjonijiet il-Magistrat Inkwirenti bil-fors johodhom, anzi, jista' jigi affermat li minghajr l-ezercizzju ta' din il-funzjoni, l-ufficju tieghu, f'diversi kazijiet jisfa' bla sens. Hekk, per ezempju, f'kazijiet ta' mewt rapportati lilu, huwa ghandu jindaga c-cirkostanzi li wasslu ghal dik il-mewt u jistabbilixxi hiex aktarx jew certament wahda accidentali u indipendenti minn kull htija doluza jew kolpuza ta' terzi jew inkella hiex proprju r-rizultat ta' tali komportament ta' terzi. L-istess jinghad ghal kazijiet fejn jigu rapportati lilu eventi li prima facie ikunu jipprezentaw sembjanzi ta' reat. Hi certament l-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jinvestiga, okkorrendo permezz ta' esperti, c-cirkostanzi kollha tal-kaz u jipprova jasal ghal konkluzjoni dwar jekk verament sarx reat**

[8] Deċiża nhar it-3 ta' Lulju, 1997 per Onor. Prim Imħallef J. Said Pullicino, Onor. Imħallef C. A. Agius u Onor. Imħallef N. Arrigo

**u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista' jigi nvestigat ulterjorment jew addirittura akkuzat."**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. Trevor Micallef) vs Amadeo Busuttil Omissis**[9] il-Qorti tal-Appell Kriminali trattat il-kwistjoni mqajma mid-difiza[10]:

**"L-Avukat Generali argumenta illi jidher li fost il-motivazzjonijiet li wasslu l-Ewwel Qorti biex tillibera lill- appellat kienet id-digriet tan-nomini ta' l-esperti mahtura fl-inkjesta Magisterjali, fejn ma tindikax li effettivament John Sacco nghata l-fakulta li jisma x-xhieda bil-gurament. Fid-digriet taghha a fol 34 tal-Process il-magistrat qieghda tinnomina lil John Sacco bhala espert tekniku izda mbaghad tindika lil PS 6 Duncan Demicoli bhala Scene of the Crime Officer sabiex jisma x-xhieda bil-gurament liema xhieda ghandha titnizzel bil-miktub, huwa ghandu wkoll jistabilixxi l-fatti kollha relevanti ghal dan il-kaz. L-Avukat Generali jirrikonoxxi illi dan id-digriet mhuwiex mill-aktar felici u argumenta illi dana kien biss "lapsus calami" minn nahha tal-Magistrat il ghaliex l-espert tekniku John Sacco effettivament inghata l-fakulta li jisma x-xhieda b'gurament.**

**Ikkunsidrat.**

**Jinghad fil-bidu nett li dina mhijiex l-ewwel darba illi din il-Qorti qed tigi nfaccata b'sitwazzjoni bhal din fejn nuqqas ta' attenzjoni minn**

---

[9] Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013 Appell Kriminali Numru. 497/2011 deċiża mill-Imħallef Michael Mallia

[10] Ara wkoll il-kawża fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Grazio Sammut et.** deċiża fit-28 ta' Novembru 2013 mill-Qorti tal-Appell Kriminali

nahha tal-Magistrat fid-digriet ta' nomina ta' espert iwassal ghal konsegwenzi serji illi jaffettwal il-process gudizzjarju kollu. Il-Magistrati jridu jifhmu kemm huwa mportanti li jkunu precizi fin-nomini taghhom u liema espert ghandu l-fakulta illi jiehu x-xhieda bil-gurament u liema m'ghandux. Peress illi l-Ligi stess tesigi illi l-espert ghandu jkollu t-tali fakulta specifikament imsemmija fin-nomina tal-hatra. Issa fil-kaz tas-Scene of the Crime Officers il-fakulta li jisimghu x-xhieda bil-gurament hija ntrinsika fin-nomina taghhom u f'dawn il-kazi l-magistarat m'ghandux ghalfejn kulldarba jnizzel illi l-esperti mahtura qeghdin ikunu wkoll moghtija l-fakulta jisimghu x-xhieda bil-gurament. F'kazijiet ohra pero' din l-awtorizazzjoni ma tistax tigi prezunta u trid tirrizulta mill-Atti. F'dan il-kaz sfortunatament, "lapsus calami" jew mhux, it-tekniku John Sacco ma giex moghti l-fakulta illi jisma x-xhieda bil-gurament. Jista jaghti l-kaz pero' kif jigri ta' spiss, illi din il-fakulta tkun giet moghtija lill-espert verbalment, dan il-Magistrat jista jaghmlu ghad illi jrid pero' jirrizulta minn xi'imkien, mqar per ezempju mill-istess depozizzjonijiet tax-xhieda illi jkunu qeghdin jiddikjaraw illi qeghdin jaghtu x-xhieda taghhom bil-gurament. A fol 102 tal-process il-Magistrat jghid illi Sacco ndika li din ix-xhieda kienet qed tittiehed bil-gurament ta' kull xhud, u quddiem din il-Qorti wkoll rega` qal hekk. Pero`, mgharraf bil-mod kif giet redatta n-nomina tieghu, l-espert irrimarka li hu qatt ma ra n-nomina u ma kienx jaf li fil-fatt ma giex moghti l-fakolta` li jaghti l-gurament. Mexa skond il-prassi u assuma li kellu tali fakolta`. Jidher li dan il-"lapsus calami" ma giex kommess biss mill-Magistrat Inkwirenti izda gie perpetwat tul l-itier tal-kawza mill-espert tekniku u mill-Magistrat fl-Istruttorja li kellu l-fakolta' jissana n-nomina imma minn dan ma sar xejn biex issa wasalna fl-istadju ta' "quod nullum est, nullum producit effectum"."

Id-difiża f'dan ir-rigward għandha raġun. Għalhekk din il-Qorti sejra tiskarta għal kollox u mhux sejra tieħu in kunsiderazzjoni x-xhieda u l-konklużjonijiet raġġunti mill-esperti legali/teknici Grech u Gabriele.

Din il-Qorti tordna lid-Direttur Ġenerali tal-Qorti Għawdex[11] biex minnufih tara li l-formola tal-esperti tkun aġġornata b'tali mod li għandha tal-anqas jidħol dan li ġej:

**(a) Jagħmel dawk il-kostatazzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jistabbilixxi l-fatti relevanti għal dan il-każ, inkluż billi jirċievi d-dokumenti.**

**(b) Li jisma' u jiġbor bil-miktub ix-xhieda kollha taħt ġurament, u;**

**(c) Li jirrelata lill-Maġistrat Inkwirenti bil-miktub billi jsemmi l-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha li fuqhom ibbaża l-konklużjonijiet tiegħu u għal dawn l-għanijiet il-perit legali/tekniku qiegħed jiġi mogħti l-fakultajiet kollha naxxenti mill-Artikoli 548, 650(5) u 653 tal-Kodiċi Kriminali.**

**2. Stqarrija minghajr preżenza ta' avukat[12]**

[11] Il-Qorti se tikkomunika dan lill-Ministru tal-Ġustizzja u lis-CEO Court Services Agency

[12] Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Appell Nru: 61/2020 **Il-Pulizja (Spettur Jesmond Micallef) vs Godfrey Formosa** deċiża fit-28 ta' Lulju, 2020 mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera trattat din il-kwistjoni fil-fond.

In linea preliminari d-difiża ssollevat ukoll l-eċċezzjoni li fiż-żmien tal-investigazzjoni u meta ttieħdet l-istqarrija tal-imputat, il-liġi ta' Malta ma kinitx tiprovdi għad-dritt li suspettat ikollu Avukat preżenti matul it-teħid tal-istqarrija u matul l-investigazzjoni. Illi bis-saħħa tat-trasposizzjoni tad-'*Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' acċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-* libertà fil-Liġi ta' Malta li seħħet wara li l-imputat irrilaxxa l-istqarrijiet tiegħu, kien hemm tibdil sostanzjali f'dak li d-dritt ta' aċċess għal Avukat fi proċeduri Kriminali kien jinkludi. L-artikolu 3 ta'din id-Direttiva jipprovdi li:

***'Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi procċedimenti kriminali***

*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv.*

*2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:*

*(a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;*

*(b) mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' att investigattiv jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (ċ) tal-paragrafu 3;*

*(c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;*

*(d) fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.*

*3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:*

*(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż qabel interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

*(b) **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali parteċipazzjoni għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat;***

*(c) għandhom, minn tal-anqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-atti ta' ġbir ta' provi li ġejjin, fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:*

*(i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.*

*4. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-informazzjoni ġenerali disponibbli biex jagħmluha faċli għall-persuni suspettati jew akkużati li jsibu avukat.*

*Minkejja d-disposizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-preżenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-libertà tagħhom ikunu f'posizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw dak id-dritt f'konformità mal-Artikolu 9.*

*5. Huwa f'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il-kawża li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tal-punt (ċ) tal-paragrafu 2 fejn id-distanza ġeografikament 'il bogħod ta' persuna suspettata jew akkużata tagħmilha impossibbli li jiġi żgurat id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed wara li persuna tkun inċaħdet mil-libertà tagħha.*

*6. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il-kawża, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet konvin enti li ġejjin:*

*(a) fejn hemm ħtieġa urġenti li jkunu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-libertà jew l-integrità fiżika ta' persuna;*

*(b) fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jiġu evitati li l-proċedimenti kriminali jiġu pperikolati b'mod sostanzjali.'* (Enfasi u sottolinear miżjud minn din il-Qorti.)

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella</u>**'[13] intqal li:

*'Riferibbilment ghall-kaz in ezami, jirrizulta illi Aldo Pistella nghata dritt li jkellem lill-avukat ta` ghazla tieghu qabel irrilaxxja l-istqarrija lill-Ispettur Malcolm Bondin. L-ispettur koncernat ikkonferma li hekk kien il-kaz, kemm meta xehed fil-kors ta` dan il-procediment, kif ukoll meta xehed fil-kawza kriminali. In partikolari, fis-seduta tal-kawza kriminali tal-20 ta` Ottubru 2014 stqarr illi :-*

*"Minn hemm hekk komplejna bl-investigazzjonijiet mas-sur Aldo Pistella fejn jien tajtu d-drittijiet tieghu u fejn tajtu d-dritt tal-parir legali fejn xtaq li jkellem avukat u fil-fatt kien tkellem ma` l-avukat tieghu Dr Sarah Sultana personalment, kien tkellem l-ghada filghodu*

[13] Deċiża mill-Qorti Civili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Ġunju, 2017 (Referenza Kostituzzjonali Numru: 104/16 JZM).

*fejn kienet giet tkellmu gewwa l-kwartieri tal-Pulizija. Wara li ha l-parir legali kont komplejt bl-investigazzjonijiet mieghu...." (ara fol 19 u 20 tal-process kriminali).*

*Mill-istqarrija rrizulta wkoll illi Pistella kkonferma li fehem it-twissija moghtija lilu mill-pulizija u li kien kellem lil avukat tieghu qabel ma rrilaxxja l- istqarrija. Insibu a fol 29:*

*"M: Fhimtha t-twissija li ghadni kif tajtek?*

*T: Iva.*

*M: Tikkonferma li kellimt lil avukat tieghek Dr Sara Sultana u gejt moghti dokument bid-drittijiet kollha tieghek bil-lingwa taljana?*

*T: Iva."*

*Madanakollu rrizulta wkoll illi Pistella ma kienx assistit mill-avukat ta` ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija. Gara hekk ghaliex fiz-zmien meta Pistella kien qed jigi nvestigat, ma kienx hemm dritt li min kien qed jigi nvestigat jitlob li jkun assistit minn konsulent legali waqt it-tehid ta` l- istqarrija.*

*Din hija propju l-kwistjoni mertu tar-referenza kostituzzjonali odjerna, ossija jekk il-kaz ta` persuna li ma jkollhiex assistenza legali fl-istadju meta tkun giet arrestata u interrogata jikkostitwix ksur tal-jedd ghal smigh xieraq kif tutelat bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

*Il-Qorti hadet nota tal-fatt li Aldo Pistella ddikjara li talab l-assistenza ta` avukat izda dak l-avukat ma kienx prezenti waqt l-interrogatorju.*

*Irrizulta wkoll mix-xiehda tal-Ispettur Bondin fil-proceduri kriminali illi*

*waqt li kien qed jaghti l-istqarrija, Pistella kkopera izda kellu problema bejn li ried jikxef il-persuni involuti u bejn li ma riedx; ghalhekk kien rega` nsista li jkellem lill-konsulent legali izda din it-talba kienet michuda.*

*L-ispettur xehed hekk a fol 25 :-*

*"Is-sinjur ikkopera maghna bis-shih. Il-problema li kellu s-sinjur qisu bejn jixtieq jikkopera mal-pulizija u jghid verament min huma nvoluti n-nies u minn ghand min kien qed jixtri u jassistina f`dawk l-affarijiet u bejn qed jibza` minn dawn l-affarijiet. Ghax f`hin minnhom xtaq li jghinna u f`hin minnhom rega` talab biex jitkellem fil-fatt ma` l-avukat, ghidtlu li ma jistax."*

*Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-**__uzu ta` l-istqarrija__** mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

***Din il-Qorti tqis li ghall-kaz odjern ghandha tapplika l-gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.***

L-istess Qorti[14] kkunsidrat li:

*'Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt l-istess interrogazzjoni talbet li terga` tkellem lill-avukat u tali talba giet michuda, iwassal ghal sitwazzjoni fejn id-dritt ta` dik il-persuna, fil-kaz tal-lum Aldo Pistella, kien irrimedjabbilment ippregudikat stante illi huwa rrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*

*Issa rrizulta wkoll illi l-kawza kriminali ghadha pendenti.*

***Ghalkemm il-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali eventwalment taghti decizjoni fil-mertu wara li jkun inghalaq il-gbir tal-provi, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha premessi, m`ghandux ikun illi l-kawza kriminali titkompla bl-istqarrija ta` Aldo Pistella lill-Ispettur Malcolm Bondin tkun taghmel prova ladarba rrizulta li waqt it-tehid tal-istqarrija ma kienx prezenti l-avukat ta` Aldo Pistella.***

***Del resto l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija t-tnejn sostnew illi l-kaz tal-pulizija kontra Aldo Pistella mhuwiex fondat biss fuq l-istqarrija ta` l-akkuzat izda fuq provi ohra wkoll***

***Ghalkemm jibqa` l-principju li procediment gudizzjarju ghandu jitqies fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, tibqa` l-konsiderazzjoni li m`ghandu***

[14] Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella' deċiża mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-27 ta' Ġunju 2017 (Referenza Kostituzzjonali Numru. 104/16 JZM)

***jsir ebda uzu mill-istqarrija ta` Aldo Pistella fil-process kriminali sabiex meta jintemm il-process kriminali, ma jkunx mittiefes b`irregolaritajiet**.'*

Il-Qorti Kostituzzjonali[15] kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, fejn fost kunsiderazzjonijiet oħra dwar l-appell preżentat mill-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija kkunsidrat li:

*'Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said[16], il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil- proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*

*15. Il-fatt li, kif josservaw l-appellanti, hemm xiehda oħra fil-proċess barra l-istqarrija li tista' ssaħħaħ il-kaz˙ tal-prosekuzjoni ma huwiex*

[15] Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella'** deċiża fl-14 ta' Diċmbru, 2018 (Rikors numru: 104/2016/1 JZM)

[16] 24 ta' Ġunju 2016. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata tnejn (2) fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella'** deċiża fl-14 ta' Diċembru, 2018 (Rikors numru: 104/2016/1 JZM).

*argument kontra din il-konklużjoni. Ifisser biss li l-każ tal-prosekuzzjoni ma jiddgħajjifx bit-tneħħija tal-istqarrija waqt li jista' jinġieb fix-xejn jekk l-istqarrija titħalla fil-proċess u dan possibilment iwassal għal sejbien, eventwalment, ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.'*

Illi riċentement kien hemm żvilupp sinifikanti fid-deċizjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Sentenza ta' ċertu importanza hija dik mogħtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **'Bueze vs Belgium'**[17] fejn qieset li wieħed irid jistħarreġ kemm jekk jeżistux '*compelling reasons*' sabiex ikun hemm restrizzjoni għal aċċess għal Avukat iżda mhux biss stante li jeħtieġ li jiġi evalwat ukoll fi kliem il-Grand Chamber '*The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test*'. Fil-fatt qieset li:

*'150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

[17] Deċiża mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru: 71409/10)

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and*

*practice.'*

Fl-istess sentenza ġie kkunsidrat li:

*'193. In conclusion, re-emphasising the very strict scrutiny that must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court finds that the criminal proceedings brought against the applicant, when considered as a whole, did not cure the procedural defects occurring at the pre-trial stage, among which the following can be regarded as particularly significant:*

*(a) The restrictions on the applicant's right of access to a lawyer were particularly extensive. He was questioned while in police custody without having been able to consult with a lawyer beforehand or to secure the presence of a lawyer, and in the course of the subsequent judicial investigation no lawyer attended his interviews or other investigative acts.*

*(b) In those circumstances, and without having received sufficiently clear prior information as to his right to remain silent, the applicant gave detailed statements while in police custody. He subsequently presented different versions of the facts and made statements which, even though they were not self-incriminating stricto sensu, substantially affected his position as regards, in particular, the charge of the attempted murder of C.L.*

*(c) All of the statements in question were admitted in evidence by the Assize Court without conducting an appropriate examination of the*

*circumstances in which the statements had been given, or of the impact of the absence of a lawyer.*

*(d) While the Court of Cassation examined the admissibility of the prosecution case, also seeking to ascertain whether the right to a fair trial had been respected, it focused on the absence of a lawyer during the period in police custody without assessing the consequences for the applicant's defence rights of the lawyer's absence during his police interviews, examinations by the investigating judge and other acts performed in the course of the subsequent judicial investigation.*

*(e) The statements given by the applicant played an important role in the indictment and, as regards the count of the attempted murder of C.L., constituted an integral part of the evidence on which the applicant's conviction was based.*

*(f) In the trial before the Assize Court, the jurors did not receive any directions or guidance as to how the applicant's statements and their evidential value should be assessed.*

*194. The Court finds it important to emphasise, as it has done in other cases under Article 6 § 1 of the Convention in which an assessment of the overall fairness of the proceedings was at issue, that it is not for the Court to act as a court of fourth instance (see Schatschaschwili, cited above, § 124). In carrying out such an assessment, as required by Article 6 § 1, it must nevertheless carefully look at how the domestic proceedings were conducted, and very strict scrutiny is called for where the restriction on the right of access to a lawyer is not based on any compelling reasons. In the present case, it is the combination of the various above-mentioned factors, and not each one taken separately,*

*which rendered the proceedings unfair as a whole.*

*(iv) General conclusion*

*195. Accordingly, there has been a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.*'

Għalhekk skont din is-sentenza, ir-restrizzjoni għal aċċess ta' Avukat waqt l-interrogatorju ma jfissirx awtomatikament li kien hemm leżjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq iżda l-Qorti trid tqis ukoll l-'*overall fairness*' tal-proċeduri sabiex tiddetermina jekk kienx hemm leżjoni o meno. Din il-Qorti sejra tagħmel referenza għal joint concurring opinion tal-Imħallfin Yudkivska, Vučinić, Turković and Hüseynov għas-sentenza fl-ismijiet **'Beuze v. Belgium'**[18] fejn fost affarijiet oħra kkunsidraw li:

'22. *In sum, we believe that it is vital to make a distinction between the systematic defects and the particular defects which are found in individual cases as a result of targeted and context-specific restrictions (e.g. in terrorism cases) or as a result of mistakes and shortcomings in individual cases. It is not correct for the Court to consider the overall fairness of an individual applicant's case when a systematic ban exists, affecting every other individual in the applicant's position and in the absence of any assessment by the relevant national authorities.*

[18] Deċiża mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru: 71409/10)

*23. The formulation of the exception is extremely clear: any derogation must be justified by compelling reasons pertaining to an urgent need to avert danger for the life or physical integrity of one or more people. In addition, any derogation must comply with the principle of proportionality, which implies that the competent authority must always choose the alternative that least restricts the right of access to a lawyer and must limit the duration of the restriction as much as possible. In accordance with the Court's case-law, no derogation may be based exclusively on the type or seriousness of the offence and any decision to derogate requires a case-by-case assessment by the competent authority. Finally, derogations may only be authorised by a reasoned decision of a judicial authority.*

*24. The Court must apply a strict approach to a blanket prohibition on the right to legal assistance; otherwise we will end up in conflict with the overall direction of both the case-law of the Court and EU law.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Jurgen Vella) vs Anthony Zammit (ID 542182(M))**[19]' ġie meqjus li:

'*Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal- proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-persuna akkużata. Fil-każ odjern, għalkemm kif ingħad l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat mhumiex l-unika prova li nġabet fil-konfront tiegħu, u minkejja wkoll illi fl-istess stqarrijiet huwa jiċħad li d-droga ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu, biss fl-istqarrija*

[19] Deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Ottubru, 2019 (Kawża numru: 578/2013)

*tal-4 ta' Mejju 2013 huwa jagħmel dikjarazzjonijiet li l-Qorti tqis bħala inkriminanti, b'tali mod li kemm il-darba l-Qorti tieħu konjizzjoni ta' din l-istqarrija, allura din sejra definittavement ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri odjerni.*

*Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex tistrieħ fuq l-istqarrijiet tal-imputat u għalhekk qegħda tiskartahom, kif qegħda tiskarta wkoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrijiet bħala inammissibbli.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Farrugia vs. Malta'**[20] u reża finali fis-sebgħa (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qieset li:

*'98. Prior to the recent Beuze judgment, in a number of cases, the Court found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009 and Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). That same approach was followed by the Court in relation to the Maltese context in Borg (no.37537/13, 12 January 2016).*

*99. Subsequently, being confronted with a certain divergence in the approach to be followed in cases dealing with the right of access to a lawyer, the Court had occasion to further examine the matter in Ibrahim and Others, Simeonovi and more recently in Beuze, all cited above,*

[20] Deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju, 2019 (Applikazzjoni numru: 63041/13)

*where the Court departed from the principle set out in the preceding paragraph. In Beuze, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them, as explained below.*

*(i) Concept of compelling reasons*

*100. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case. A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see Beuze, cited above, §§ 142-143).*

*(ii) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test.*

*101. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Beuze, cited above, § 145).*

*102. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self-incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 146).*

*103. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case (ibid., § 149).*

*(iii) Relevant factors for the overall fairness assessment*

*104. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors,*

*drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account:*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any*

*directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).'*

Fl-istess sentenza ġie kkunsidrat li:

*'118. However, the nature of the statements and their use is of particular relevance in the present case. The Court notes that they did not contain any confessions nor was their content self-incriminating. However, the privilege against self-incrimination is not confined to actual confessions or to remarks which are directly incriminating; for statements to be regarded as self-incriminating it is sufficient for them to have substantially affected the accused's position (see, for example, Schmid-Laffer v.Switzerland, no. 41269/08, § 37, 16 June 2015). Indeed, the statements given by the applicant, at pre-trial stage in the absence of a lawyer, were relied on by the Court of Criminal Appeal in connection with the applicant's credibility. In particular, in its judgment the Court of Criminal Appeal had noted certain inconsistencies in his statements of 1 and 2 February 2002 (see paragraph 22 above) and it had considered that he was not reliable as the applicant had replied in an evasive and hesitant way to police questions concerning his business, profitability, rent, and profits of the previous year (see paragraph 26 above). Nevertheless, the Court cannot but note that the Court of Criminal Appeal had found that A.F.'s statements had been enough to determine the applicant's guilt. In consequence its assessment of the applicant's*

*credibility on the basis of his pre-trial statements can be considered as having been made ex abundanti cautela (out of an abundance of caution). In the light of the Court of Criminal Appeal's finding concerning the sufficiency of A.F.'s statements, the Court considers that the use it made of the applicant's statements to assess his credibility cannot be considered as having substantially affected his position.*

*(iii) Conclusion*

*119. In conclusion, while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.*

*120. There has therefore been no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.*'

Interessanti hija l-*joint dissenting opinion* tal-Imħallfin Serghides u Pinto de Albuquerque fejn fost kunsiderazzjonijiet oħra, ikkunsidraw li:

'*10. In any event, we are of the view that the right to a lawyer at the pre-trial stage does not hinge, in any way or form, on the state of vulnerability of the defendant. Nothing in the Convention makes the Article 6 § 3 (c) right dependent on such vulnerability. Such an abusive and restrictive interpretation of that right contradicts its essence. Every*

*defendant, vulnerable or not, has a right, at the pre-trial stage, to a lawyer who will advise him or her on the defence strategy to be followed.*

*11. Secondly, the majority state that "The applicant did not allege, either before the domestic courts or before [the Court], that the Police had exerted any pressure on him, nor that the evidence obtained had been in violation of another Convention provision"*[21].

*12. We disagree with this argument. The fact that a defendant has not been pressured by the police does not limit his or her right to a lawyer. Legal assistance in a criminal procedure is indispensable not only to counter pressure by the police or any other evidence obtained in violation of the Convention, but to define a strategy for the defence and adapt it to every incident throughout the entire proceedings. The police are expected to act lawfully, regardless of the manner in which a defendant presents his or her defence, with or without the benefit of legal assistance. The one has simply nothing to do with the other. Lawful conduct by the police is not a valuable argument on which to restrict the exercise of a Convention right by the defence. Ultimately, this argument by the majority reflects a very restrictive conception of the role of the lawyer in criminal procedure.*

*13. Thirdly, the majority state that "in the present case, the applicant was informed repeatedly in a sufficiently explicit manner of his right to remain silent and the privilege against self-incrimination"*[22].

[21] § 111 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata ħmistax (15) fil-*joint dissenting opinion* tas-sentenza ċitata)
[22] § 112 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata sittax (16) fil-*joint dissenting opinion* tas-sentenza ċitata)

*14. Again, we cannot accept this argument. The right to remain silent is not interchangeable with the right to a lawyer. These are two very different rights. Legal assistance at the pre-trial stage of a criminal procedure is essential to inform the defendant of the advantages and disadvantages, from the perspective of the defence strategy, of speaking out or remaining silent. In other words, the right to a lawyer is instrumental in effective protection of the right to remain silent (and of the privilege against self-incrimination).*

*15. In short, the fact that the applicant was informed of his right to remain silent if he so desired and the fact that the applicant did not claim that any pressure was exerted on him have nothing to do with his procedural right under Article 6 § 3 (c) of the Convention to have access to a lawyer. Those facts are irrelevant for the purpose of curing the breach of this right. In our view, it is a fundamental mistake at stage two not to take seriously into account the finding of stage one, especially when the test applied should be a very strict scrutiny*[23]*. Otherwise, what is the point of having two stages!?'*

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello'**[24] iddeċidiet ir-referenza Kostituzzjonali billi ddikjarat li fiċ-ċirkostanzi tal-każ mhux ser ikun jirriżulta ebda leżjoni tad-dritt fundamentali tal-akkużat Martino Aiello għal smigħ xieraq kif sanċit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir użu mill-istqarrija li

[23] § 108 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata sbatax (17) fil-*joint dissenting opinion* tas-sentenza ċitata)
[24] Deċiża fis-17 ta' Ottubru, 2019 (Referenza Kostituzzjonali Numru: 38/2018 AF)

huwa rrilaxxja lil pulizija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fil-ġuri kontra tiegħu, wara li fost kunsiderazzjonijiet oħra kkunsidrat li:

*'Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża li għandha quddiemha llum, din il-Qorti hija tal-fehma li ma ġiex muri li bl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġuri kontra l-akkużat ser jiġi mittiefes id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.*

*Qabel xejn, din il-Qorti tgħid illi ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet tajbin li jżommu lill-akkużat milli jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jagħti l-istqarrija. L-uniku raġuni li Martino Aiello ma setax ikun mgħejjun minn avukat kienet li, dak iż-żmien, il-liġi ma kienitx tippermetti li l-akkużat ikun hekk mgħejjun f'dak l-istadju imma seta' jikkonsulta ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni, xi ħaġa li mhux kontestat li Martino Aiello rrifjuta li jagħmel.*

*Madanakollu, il-pożizzjoni ġurisprudenzjali kurrenti turi li m'għadux il-każ li l-fatt waħdu li l-liġi ma kienitx tippermetti l-assistenza ta' avukat qabel jew waqt l-interrogazzjoni, awtomatikament iwassal sabiex jinstab li kien hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, kif qiegħed jippretendi l-akkużat, imma din il-Qorti għandha tqis diversi fatturi qabel tasal għall-konklużjoni tagħha.*

*Kif diġà ntqal, dan il-każ huwa kemmxejn differenti mill-każ ta' Aldo Pistella in kwantu li Martino Aiello kien fil-fatt irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel ma ġie interrogat mill-Pulizija u*

*assolutament ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni jew waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija.*

*Proprju dwar ir-rinunzja, fil-każ ta' Paskal vs Ukraine, tal-15 ta' Settembru 2011, il-Qorti Ewropea qalet hekk:*

*"neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by the minimum safeguards commensurate to its importance."*

*L-akkużat naqas milli juri wkoll li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Fil-fatt, meta xehed quddiem din il-Qorti, tista' tgħid li ma semma xejn dwar iċ-ċirkostanzi tal-arrest tiegħu flimkien ma' martu mal-wasla tagħhom hawn Malta. Martino Aiello la kien minorenni u lanqas kien ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilità fiż-żmien in kwistjoni. Lanqas jirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. L-istqarrija ngħatat volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi, u ċioè li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontrih. Lanqas ma ġie muri li l-akkużat ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Il-Qorti tinnota wkoll illi Martino Aiello ma qajjem l-ebda lment dwar l-istqarrija li kien irrilaxxja qabel ma ġie deċiż il-każ ta' Borg vs Malta imma huwa talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-*

*inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fl-imsemmija każ. Imma kif rajna, din il-ġurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità tal-prova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għall-preżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*

*Finalment, il-Qorti tqis illi huwa indubbjament fl-interess pubbliku li jiġi investigat u imressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali l-akkużat li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta.*

*Għaldaqstant, il-Qorti ssib li l-akkużat Martino Aiello ma rnexxilux juri li tassew ser iġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq bl-użu fil-ġuri kontra tiegħu tal-istqarrija li rrilaxxja fid-19 ta' Ottubru 2014.'*

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta v. Martino Aiello**'[25] ċaħdet l-appell u fost kunsiderazzjonijiet oħra, qieset li:

[25] Deċiza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu, 2020 (Rikors numru: 38/18 AF)

*'24. L-istqarrija ma ttieħditx bi ksur ta' xi dispozizzjoni ta' liġi u kien ċertament fl-interess pubbliku li każ dwar traffikar ta' drogi f'Malta, ikun investigat u jittieħdu proċeduri kriminali dwaru.*

*25. M'hemm l-ebda indizju li l-appellant ġie mġiegħel jagħmel dik l-istqarrija. Fl-ebda stadju m'allega xi theddid jew wegħda biex għamilha.*

*26. Fir-rigward ta' paragrafu (g) m'hemmx dubju li l-prosekuzzjoni trid li dik l- istqarrija tintuża bħala prova importanti tal-ġuri li għad irid isir, u dan b'riferenza għal dak li ġara f'Mejju u Ġunju, 2014 peress li fl-istqarrija Aiello ammetta li kien hemm darbtejn oħra f'dawk ix-xhur meta kien diġa` importa droga f'Malta. Fatt li saret riferenza espressa għalih fl-att tal-akkuża. Għalkemm il-ġuri għadu ma sarx, hu evidenti li dik l-ammissjoni fl-istqarrija għandha importanza fil-proċess kriminali tant li saret riferenza għaliha fl-att tal-akkuża.*

*27. Inoltre, dwar dan il-każ għad irid isir il-ġuri. Għalhekk huma l-ġurati li ser jiddeċiedu jekk l-appellant huwiex ħati tal-akkużi li hemm kontrih. Madankollu, ser ikun l-imħallef li fl-indirizz li jrid jagħmel lill-ġurati ser jiġbor ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, kif ukoll ifisser ix-xorta u l-elementi tar-reati rilevanti għall-każ. Hu l-imħallef li jagħmel ".... kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu" (Artikolu 465 tal-Kap. 9).*

*28. Li hu żgur hu li f'dan il-każ l-appellant ingħata l-opportunita' li jitkellem ma' avukat, bit-telefon jew wiċċ imb'wiċċ, iżda irrifjuta. B'dak il-mod l-appellant ċaħħad lilu nnifsu mill-opportunita' li jkollu parir ta'*

*avukat sabiex jipprepara ruħu għall-interrogazzjoni u sabiex jingħata tagħrif dwar il-vantaġġi u żvantaġġi li jitkellem jew jagħżel is-silenzju waqt l-interrogazzjoni. Dan meta kien jaf li waqt l-interrogazzjoni ma kienx ser ikollu l-assitenza ta' avukat preżenti. Dan apparti li kien infurmat b'mod ċar bil-jedd li jibqa' sieket u ma jweġibx iżda xorta għażel li jwieġeb liberament. Madankollu xorta għażel li jwieġeb għad-domandi li sarulu.'*

Illi llum il-ġurnata l-liġi tipprovdi għad-dritt ta' suspettat jew akkużat sabiex mhux biss jikkonsulta ma' Avukat qabel it-teħid tal-istqarrija iżda anke sabiex ikollu Avukat preżenti mill-bidu nett tal-investigazzjoni inkluż matul l-interrogazzjoni. Jirriżulta li riċentement il-Qrati reġgħu bdew iqisu l-vulnerabilita' o meno tal-persuna li tkun rilaxxat l-istqarrija u qegħdin iħarsu lejn l-*overall fairness* tal-proċeduri biex jiżnu jekk kienx hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq u għalhekk il-fatt li stqarrija tkun ġiet rilaxxata mingħajr il-preżenza tal-Avukat mhijiex dejjem tiġi kkunsidrata bħala leżjoni għad-dritt għal smigħ xieraq.

Din il-Qorti żżid li nonostante l-fatt li l-imputat kien ikkonsulta Avukat qabel it-teħid tal-istqarrija l-imputat ma kellux Avukat preżenti matul it-teħid tal-istqarrija għaliex dan id-dritt kien għadu ma jeżistix fil-leġislazzjoni tagħna. Nonostante l-fatt li jirriżulta li l-Qrati qegħdin iħarsu lejn l-*overall fairness* tal-proċeduri sabiex jistħargu jekk stqarrija tilledix il-jedd għas-smigħ xieraq, din il-Qorti tqis li l-ġurisprudenza ma kristalliżżax din is-sitwazzjoni u għalhekk tqis li minkejja li ma hija bl-ebda mod tiddikjara l-istqarrijiet jew dikjarazzjonijiet rilaxxati mingħand

l-imputat mingħajr Avukat preżenti jilledu d-dritt għal smigħ xieraq, tqis li fl-interess tal-ġustizzja ma għandhiex tqis l-istqarrijiet jew dikjarazzjonijiet rilaxxati mill-imputat bħala prova ammissibli. Għaldaqstant, kwalunkwe referenza li ssir għall-kontenut tal-istqarrijiet jew għal dak li l-imputat qal lill-Pulizija matul l-investigazzjoni u meta mitkellem mill-espert legali u mill-Pulizija mingħajr ma kellu Avukat preżenti huma wkoll inammissibli u sejrin jiġu skartati minn din il-Qorti.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUŻI

**L-ewwel Imputazzjoni**
**Artikoli 225 (1) tal-Kapitolu 9**

**Il-Kunċett ta' Negliġenza**

Fid-duttrina u l-ġurisprudenza kontinentali jeżistu żewġ teoriji partikolari dwar il-kunċett ta' negliġenza: it-teorija hekk imsejħa oġġettiva u dik suġġettiva. It-test għat-tejorija oġġettiva mhux wieħed li hu mmirat biex jistabbilixxi jekk il-persuna ipprevedietx jew setgħetx tipprevedi dak l-inċident fil-*fatti specie* partikolari tal-każ iżda jekk l-aġir ta' dik il-persuna jaqax taħt l-obbligu raġjonevoli ta' attenzjoni li kull persuna fis-soċjeta' hija preżunta li għandu jkollha f'ċirkostanza partikolari. Min-naħa l-oħra t-teorija suġġettiva tenfasizza li wieħed jista' jitkellem fuq aġir negligenti jekk ikun hemm nuqqas f'li wieħed ikun *alert* jew viġilanti bil-limitazzjonijiet tiegħu personali f'dak il-każ partikolari.

Il-Kodiċi Kriminali tagħna fl-artikoli 225, [26] 226[27] u 328[28] jitkellem fuq *"nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti".* Ma teżisti l-ebda spjegazzjoni tat-termini *"nuqqas ta' hsieb u traskuragni";* madanakollu dawn ġeneralment huma meħudin li jfissru bħala nuqqas ta' attenzjoni u ta' teħid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f'ċirkostanzi partikolari. Fir-rigward tat-termini *"nuqqas ta' hila fl-arti u professjoni tieghu"* u *"nuqqas ta' tharis ta' regolamenti"*, l-implikazzjoni ta' dawn il-frażijiet huma pjuttost ċari u ma jħallu lok tal-ebda interpretazzjoni. Sakemm l-aġir negliġenti ma jinkwadrax ruħu taħt xi waħda mill-parametri stabbiliti minn dawn l-

[26] Artikolu 225: *"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87)."*

[27] L-Artikolu 226 jirreferi ghall-offizi li ma jwasslux ghall-mewt izda jarrekaw biss hsara gravi jew hafifa fuq il-persuna ta' l-individwu*: "Jekk minhabba l-fatti imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan issir offiza fuq il-persuna, l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel - (a) jekk l-offiza tkun gravi u ggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sena jew multa mhux izjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmi (€4658.75); (b) jekk l-offiza tkun gravi minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin ewro centezmi (€2329.37); (c) jekk l-offiza tkun hafifa, il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet. (2) Fil-kazijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(c), il-procediment jista' jittiehed biss fuq kwerela tal-parti offiza.*

[28] L-artikolu 328 jaqra: *"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna hruq, jew jaghmel xi hsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jehel, meta jinsab hati - (a) jekk minhabba f'hekk tigri l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225; (b) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi fuq il- persuna, li tkun iggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37); (c) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi minghajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew multa mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69); (d) f'kull kaz iehor, il-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet: Izda fil-kazijiet imsemmijin fil-paragrafu (d), hlief meta l-hsara tkun kagunata fi proprjetà pubblika, jistghu jittiehdu procedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiza."*

artikoli tal-liġi, persuna ma tkunx tista' tiġi misjuba ħatja ta' negliġenza għal dak li għandu x'jaqsam mal-azzjoni kriminali. Inoltre tali aġir negliġenti jrid ikun per forza wassal sabiex ġiet arrekata ħsara lill-persuna jew inkella xi proprjeta'. Dan għaliex fl-artikoli 225, 226 u l-artikolu 328, il-ħsara lill-persuna jew lill-proprjeta' hija indikata bħala waħda mill-elementi kostituttivi tar-reat.

Il-Kodiċi tagħna huwa bbażat fuq il-Kodiċi Taljan tal-1889. Fil-kummentarju tad-disposizzjonijiet relattivi għal negliġenza ta' dan il-Kodiċi, awturi Taljani dejjem qiesu li għandu jiġi applikat it-test suġġettiv.[29] Jekk wieħed iqis it-termini wżati fil-liġi tagħna u ċioe' *"nuqqas ta' hsieb u traskuragni"*, wieħed jista' jinnota li dawn huma termini li qegħdin jirreferu direttament għall-attitudni suġġettiva ta' min ikun ħati tar-reat. Huwa neċessarju għalhekk li wieħed jindika jekk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ kinux jippermettu lill-persuna involuta li tintebaħ bil-konsegwenzi tal-aġir tagħha.

Il-parti operattiva u essenzjali tal-akkuża li ġiet dedotta fil-konfront tal-imputat hija li nhar id-19 ta' Ġunju 2016, għall-ħabta ta' 11.30a.m. u/jew fil-ħinijiet ta' qabel waqt li kien qiegħed fil-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien, limiti tal-Qala Għawdex u/jew fi dawn Gżejjer **ikkaġuna l-mewt ta'** Allan Michael Stanley, ***"b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' regolamenti"*** u dan *"**waqt li kien qiegħed isuq RIB bin-numru tar-reġistrazzjoni S20918**"*.

[29] Ara Impallomeni, Vol III, pg 1662

Il-ġurista Sir Anthony Mamo, fin-Noti tiegħu, jispjega illi għalkemm il-frażijiet *"nuqqas ta' hsieb"* u *"traskuragni"* m'humiex mogħtija definizzjoni mil-liġi pero' jkompli jgħid li *"it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances"*[30].

Il-Professur Mamo jkompli jsostni li, *"the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen"*[31]. Sabiex jenforza t-teżi tiegħu, Mamo jagħmel referenza għat-tagħlim ta' Francesco Carrara, u jikkwotah kif segwenti – *"Il non aver previsto la conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa"*[32].

Antolisei, fil-ktieb tiegħu *Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)*, jagħmel ukoll referenza għal Carrara, u jgħid hekk:

> *"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimo tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'".*[33]

---

[30] *Lectures in Criminal Law*, Vol 1, pg 69
[31] ibid, pg 67 (sottolinear fit-test oriġinali)
[32] ibid, pg 68 (sottolinear fit-test oriġinali)
[33] Antolisei, *Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)* (Giuffre', 1997, 14 ed) 364

Din hija t-teżi li dejjem ġiet aċċettata mill-Qrati tagħna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Richard Grech***[34] ġie deċiż li jekk il-prudenza tikkonsisti billi persuna tagħmel dak li hu raġonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, l-imprudenza tikkonsisti billi wieħed jagħmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setgħu jikkaġunaw ħsara. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra, timplika ċerta non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiż-żewġ każijiet, pero', il-ħsara tkun prevedibbli, għalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wieħed ikun qiegħed fil-kamp doluż b'applikazzjoni tad-duttrina tal-intenzjoni pożittiva indiretta.

Fl-istess sentenza ġie ritenut dak li kien diġa' ntqal fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli***[35], fejn saret ukoll, fost l-oħrajn, referenza għal Giorgi:

> *"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.*

[34] *Pulizija vs Richard Grech* (Appell Kriminali, 21/03/1996, De Gaetano)
[35] *Pulizija vs Perit Louis Portelli* (Qorti Kriminali, 04/02/1961, Kollez XLV.iv.870, Flores)

*Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"*

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 t'Ottubru 2012 fl-ismijiet: **Il-Pulizija v Peter Stroud**[36] il-Qorti ċċitat dak illi qal **Archbold** fil-**Criminal Pleading, Evidence and Practice**:

*"Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness. . . Probably, of all the epithets that can be applied "reckless" most nearly covers the case ... but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to establish criminal responsibility, the facts must be such that ... the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment..."*

[36] Appell Kriminali Numru. 225/2011 deċiż mill-Imħallef Michael Mallia

Il-Qorti tirrileva li dak applikabbli fil-liġi Ċivili r-*res ipsa loquitur* (Il-fatti jitkellmu weħidhom) m'għandhiex applikazzjoni diretta fil-Liġi Kriminali iżda kif intqal fil-każ **Wilkinsons** f'para 5.52:

> "*the fact that res ipsa loquitor has no application to criminal law does not mean that the prosecution have to negative every possible explanation of a defendant before he can be convicted of careless driving where the facts at the scene of an accident are such that, in the absence of any explanation by the defendant, a court can have no alternative but to convict*".

Illi l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li:

> *... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kinitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*[37]

Fil-każ ***R v L [2011]*** Toulson LJ sostna:

> "*..it is ultimately for the jury to decide whether, considering all the evidence, they are sure that the defendant should fairly be regarded as having brought about the death of the victim by his careless driving. That is a question of fact for them. As in so many areas, this part of the*

---

[37] **Pulizija vs Joseph Grech**: deċiża 6 ta' Ġunju 2003

*criminal law depends on the collective good sense and fairness of the jury."*

Fil-każ **R v Hughes [2013] UKSC 56** intqal li:

*"some act or omission in the control of the car, which involves some element of fault, whether amounting to careless or inconsiderate driving or not, and which contributes in some more than minimal way to the death of an individual."*

**Jekk tirriżulta xi negliġenza kontributorja, din in-negliġenza kontributorja għandha tittieħed in kunsiderazzjoni biss fil-kalibrar tal-piena li għandha tiġi erogata.**

Illi f'dan is-sens jikkummenta anke l-Antolisei:

*Nell'ipotesi che con la colpa del soggetto attivo del reato concorra la colpa della persona offesa, da alcuni si parla di compensazione delle colpe, nel senso che la colpa dell'uno verrebbe annullata dalla colpa dell'altro. Cosi non si dovrebbe punire l'automobilista, se l'investimento sia dovuta anche alla colpa della vittima. Cio non puo' ammettersi, perche il principio della compensazione delle colpe, se vale nell'ambito del diritto privato, .... non ha diritto di cittadinanza nel campo penale. Qui la punizione e' reclamata da un interesse pubblico, quindi, dell'eventuale colpa della vittima il guidice terra' conto solo*

*entro i limiti dei suo poteri discrezionali per l'applicazione concreta della pena.*[38]

Il-Qorti waqt li qiegħda tiddeċiedi trid iżżomm f'moħħha l-mistoqsija jekk l-aġir tal-imputat kienx il-fattur li wassal għal dan l-inċident. Huwa jrid iwieġeb għal dan l-aġir tiegħu indipendentement minn dak li seta' għamel ħaddieħor. Sabiex il-fattur kontributorju tat-terz jinnewtralizza r-responsabbilta' tal-imputat, dan il-fattur irid ikun dak li **unikament u esklussivament** iwassal għall-inċident. Fil-kamp penali, in-negliġenza kontributorja ma teħlisx lill-imputat jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru akkadut.

Il-ġurisprudenza fir-rigward tan-negliġenza tas-suġġett passiv ta' allegat reat f'diversi sentenzi li f'sedi kriminali, in-negliġenza kontributorja ta' ħaddiehor ma tbiddel xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-imputat għaliex hu prinċipju f'materja kriminali li tali negliġenza kontributorja ta' ħaddiehor ma teżonerax lill-imputat sakemm ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru.[39]

## Il-kunċett tal-*bonus pater familias*

L-imputazzjoni ewlenija kontra l-imputat Matthew Grech jittrattaw ir-reat ta' omiċidju involontarju, ossia l-fatt illi bin-non-kuranza jew non-osservanza tar-regolamenti, bin-nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni,

[38] Ref **Manuale di Diritto Penale Parte Generale** 1989 Giuffre pagna 332
[39] Ara is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Richard Joseph Maurice Vella*** *(06.06.2014).*

ikkawża l-mewt ta' Allan Michael Stanley f'inċident fl-inħawi ta' Ħondoq ir-Rummien, limiti tal-Qala, Għawdex. Fi kliem ieħor ma hux ipotezzat reat fejn hu meħtieġ il dolo, iżda l-fatt illi l-imputat aġixxa b'mod li bih seta' jobsor (meta fil-fatt ma basarx) illi bl-aġir tiegħu kien ser joħloq is-sinistru. It-test f'dan il-każ huwa jekk l-imputat, waqt li kien qiegħed bir-Rhib, kienx qiegħed jimmanuvrah bil-galbu u skont ir-regolamenti viġenti tal-opri tal-bahar *qua bonus paterfamilias* jew le. Jekk kien qiegħed jaġixxi b'dan il-mod, wieħed irid jasal għall-konklużjoni illi l-inċident seħħ minħabba raġuni aċċidentali li ma setgħet qatt u bl-ebda mod tiġi evitata. Iżda dak li jiġi ipotizzat f'dawn iċ-ċirkostanzi huma oħrajn: illi mingħajr il-ħsieb li jikkawża dan l-inċident, huwa naqas milli jaġixxi bħala *bonus paterfamilias*, u proprju minħabba din in-non-kuranza ikkawża l-inċident de quo.

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ **Il-Pulizija v. Kevin Sammut**[40] fit-23 ta' Jannar 2009. F'din id-deċiżjoni l-Prim Imħallef Vincent Degaetano jidħol fid-dettal dwar il-kunċett tal-*bonus pater familias* u xi jkollu f'moħħu bniedem ta' intelliġenza ordinarja:

> Fi kliem iehor, il-kwistjoni tibqa' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent fil-mument li wettaq l-att materjali u mhux x'seta' kellu f'mohhu li kieku kien bniedem ta' intelligenza ordinarja jew ta' sagacja ordinarja jew – biex wiehed juza l-espressjoni uzata mill-ewwel Qorti – kieku kien *bonus pater familias*. Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) gie elaborat minn din il-Qorti (kollegjalment

[40] App Nru 192/08

komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**. F'dik is-sentenza nghad hekk:

> **Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu *The Criminal Law of Scotland* [41]:**
>
> **"Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind**

[41] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978.

**against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[42]**

**U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza *"is advertent and involves foresight of the risk"*[43] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:**

**"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the**

[42] Para. 7.28, pp. 232-233.
[43] Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."

**risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall[44] says, *'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a* method *used to determine those operative facts in the minds of normal persons'*.**

**"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who**

[44] Hall, J., ***General Principles of Criminal Law*** 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.

**kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In *Robertson and Donoghue* Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (*ex hypothesi*) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."[45]**

I. Mill-provi prodotti jirriżulta b'mod mill-aktar ċar li Allan Michael Stanley tilef hajtu riżultat tal-fatt li huwa ntlaqat minn skrun ta'

[45] Gerald Gordon, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.

dgħajsa preċiżament ta' dinghy li kien qiegħed jiġi manuvrat minn Matthew Grech. Ma jidhirx li huwa kontestat li Matthew Grech kien qiegħed jimmanuvra d-dinghy fil-mument li seħħ l-inċident.

II. **Diane Georgina Stanley**, mart il-vittma spjegat kif nhar id-dsatax (19) ta' Ġunju 2016 filgħodu kienet marret ma' żewgha fil-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien. Qalet illi kien normali għal Allan li jmur jgħum fuq in-naħa tax-xellug tal-bajja, qrib il-blat. Qalet ukoll illi dan kien jagħmlu allavolja kienet ta' sikwit issostni miegħu illi m'għandux jitbiegħed daqshekk mill-bajja peress illi jbati b'kundizzjonijiet tal-qalb u minħabba illi ġie li kien hemm id-dgħajjes fiż-żona fejn kien imur jgħum billi hija żona 'il barra mill-*iswimming zone*.

III. Mart il-vittma qalet illi fil-jum tal-inċident żewġha kien ħareġ jgħum saħansitra aktar 'il barra mis-soltu, qrib *dinghy* misjuqa minn ċertu Matthew, li x-xhud kellha konoxxenza tiegħu.

IV. **Keith Raymond Brown**, ħabib ta' Diane u Allan Stanley, spjega illi dakinhar tal-inċident hu kien qiegħed magħhom Ħondoq. Huwa ikkonferma dak li qalet mart il-vittma dwar fejn kien qiegħed jgħum il-vittma, iżda qal illi ma kellux impressjoni li l-vittma kien joħrog 'il barra daqs kemm kienet xehdet Diane Stanley. Huwa xehed illi Diane kienet ta' sikwit tgħid lill-vittma biex ma joħrogx daqshekk 'il barra, u li l-vittma kien imur xorta, saħansitra anke mingħajr *marker buoys*.

V. **<u>Christa Marianne Katzensteiner</u>**, persuna li kienet qiegħda Ħondoq ir-Rummien fil-ħin tal-inċident xehdet illi rat lill-vittma jilbes il-maskla u jinżel jgħum, mingħajr *signalling buoys* jew *wet suit*. Hija qalet ukoll illi sakemm kien fil-baħar, il-vittma ma kienx qiegħed iżomm fil-wiċċ, iżda kien qed jgħodos.

*VI.* **<u>Christiaan Michiel Vermaak</u>**, li, dakinhar tal-inċident, bejn il-ħdax u nofs ta' filgħodu u n-nofs siegħa ta' wara nofsinhar, kien għaddej mill-bajja ta' Ħondoq fi triqtu mill-Imġarr lejn il-Qala bil-kayak ma' grupp ta' klijenti tiegħu spjega li huma u għaddejjin lemħu raġel anzjan jogħdos, xi mitt metru 'l boghod mill-pjattaforma tal-konkrit, tletin metru mill-eqreb xtajta. Ix-xhud ma setax jiftakar jekk ir-raġel kienx liebes *wet suit*, iżda seta jiftakar li l-baħar kien ftit imqalleb u li l-anzjan ma kellux *signaling buoy*. Fil-fatt, ix-xhud stqarr illi hu u l-klijenti tiegħu bil-kemm rawh, u meta lill-anzjan għamillu sinjal b'idu u qallu li ma kienx rah, l-anzjan qal xi ħaġa li x-xhud ma fehemx, u baqa' jgħum fid-direzzjoni lejn Ħondoq. Ix-xhud xehed illi ma ra lil ħadd aktar jgħum fil-madwar.

VII. L-immanuvrar tad-dgħajsa kien qiegħed isir 'il barra miż-żona riservata għall-għawm. Il-post fejn kien qiegħed jorbot kien bejn 50 u 70 metru mill-art u 100 metru 'l boghod mill-**i**swimmers zone[46].

[46] Transport Malta tispjega dwar designation of Swimmers' Zones [Safety Investigation Report 201606/041 – Report Number 12/20017 June 2017]: *A swimmers'zone is a restriction designated by the Ports & Yachting Directorate of Transport Malta. In the case of Ħondoq ir-Rummien Bay, the swimmers' zone was designated from 18 June 2016 until 30 September 2016. A Local Notice to Mariners (No. 22 of 2016) had been*

VIII. Il-vittma ma kellux marker buoys[47] u kien qiegħed jgħum barra mis-swimmer's zone **u li kien raġjonevolment mistenni** minnu li jieħu l-prekawzjonijiet neċessarji biex ma jsirux inċidenti bhal dawn.

IX. Il-vittma kien waħdu fil-baħar u mhux akkumpanjat, fejn kien hemm għadd ta' bagi[48] biex jintrabtu l-bċejjeċ tal-baħar li jistgħu wkoll għenu biex il-vittma jkun distratt minnhom jew inkella min kien qiegħed jimmanuvra d-dinghy ma jarahx. Il-Qorti tfakkar li *"swimming or snorkelling outside a swimmers' zone is neither illegal nor prohibited. However, the close proximity to boats transiting the area increases the risk to snorkelers and swimmers who venture outside the established (safe) zone."*[49]

X. In-nuqqasijiet tal-vittma ikkontribwew bi sħiħ biex seħħ l-inċident.

---

*issued by the Directorate on 06 May 2016. Coordinates and a figure of each designated swimmers' zone had been published as well.*

[47] Skont ir-rapport ikkwotat aktar 'il fuq jgħid li: *"a marker buoy would not provide any protection from a hard physical contact (and is not desigened to offer such level of protection), however, it may nonetheless be considered as a symbolic barrier. As weak as it may be, a symbolic barrier may be an effective preventive (passive) barrier, which was missing in this case. It has to be stated that the use of the marker buoy may be considered more critical for a snorkeler than a diver. Given that the snorkeler is spending a significant amount of time either at the surface or just below it".*

[48] Fir-rapport Safety Investigation Report jingħad: *"… where there were approximately 20 mooring buoys with boats moored on a number of them"*

[49] Ibid.

**<u>It-tieni Imputazzjoni</u>**

**<u>Ġurament falz</u>**

Il-Prosekuzzjoni qegħda takkuża wkoll lill-imputat li xehed il-falz fl-inkjesta' li saret dwar l-inċident.

Artikolu 108 tal-Kap 9 li l-imputat jinsab mixli bih jgħid:

> *108. (1) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jaħlef il-falz quddiem imħallef,maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi jagħti l-ġurament, jeħel, meta jinsab ħati: -*
>
> *(a) il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena, jekk il-ġurament ikun meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-qrati ta' Malta;*
>
> *(b) il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jekk il-ġurament ma jkunx hekk meħtieġ jew ordnat.*
>
> *(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-ġuramenti Promissorji.*

It-test Ingliż jgħid hekk: *'shall make a false oath.'*

Fin-noti tiegħu l-Professur Sir Anthony Mamo jikteb hekk:

L-elementi tar-reat li llum jidher fl-artikolu 108(1) (b) tal-Kap 9 huma:

*'(i) a false statement;*

*(ii) wilfully made*

*(iii) On oath*

*(iv) Before a person authorised by law to administer oaths.*

*With regard to the second element which constitues the intentional element of the crime it is necessary that the person making the statement should have the full consciousness of perverting the truth.*

*The material element of the crime is the false statement <u>on oath.</u> (Underlining tal-Professur Mamo). The oath,being an appeal to Deity to be witness of that which is asserted creates a religious bond which is effectual only for those, who having a religious persuasion, see in it a binding obligtion on their conscience. Our law makes provision for the taking of an oath by persons who do not belong to the Roman Catholic Church. The solemn declaration or affirmation of any person authorised by law to make a declaration or affirmation in lieu of taking an oath has the same effects as regards the punishment as if the person making the declaration or affirmation had been lawfully sworn.*

*The oath must be <u>lawfully</u> (underlining tal-Professur Mamo) administered, that is in the form and with the ceremonies which the law itself prescribes and by a person who is authorised by law to administer oaths. '*

**<u>L-għoti tal-ġurament</u>**

Mela wieħed mill-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat kontemplat fl-artikolu 108(1)(b), u ċioe` li persuna tkun ħalfet il-falz "quddiem uffiċċjal li kellu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament", huwa nieqes, għax ma nġabet l-ebda prova li l-espert legali kellu s-setgħa li jagħmel dan.

Din il-kwistjoni ġiet deċiża mil-Qorti fl-Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. John Cutajar** u **Il-Pulizija v. Donovan John Scerri**, it-tnejn deċiżi fis-17 ta' Ottubru 2011 u għalihom din il-Qorti tagħmel pjena referenza, filwaqt li tiċċita s-segwenti bran:

> "Għalhekk il-konklużjoni tal-Qorti hija li l-ġurament imur 'il hemm minn sempliċi formola ta' kliem li fiha 'Jien naħlef' u/jew firma fuq karta. Teżisti l-**amministrazzjoni** tal-ġurament li mhix sempliċiment formola. Il-persuna inkarigata trid jew taqra t-test hi stess, jew tisma' 'l min qed jieħu l-ġurament jaqra t-test u wara jbus is-salib jew waqt il-qari tat-test tal-ġurament ipoġġi jdejh fuq il-Bibbja jew il-Koran.
>
> "Jekk wieħed jagħmel dikjarazzjoni solenni l-persuna li qed tamministra l-ġurament għandha tispjega u turi bil-fatti li din id-dikjarazzjoni hija waħda speċjali u li titlob minn dak li jkun impenn mhux tas-soltu. Għandha tiżgura li l-persuna li qed tieħu l-ġurament fehmet sewwa dak li tkun ser taħlef u, jew taqra hi stess

bil-mod id-dikjarazzjoni solenni jew tisma' lil persuna taqraha ad alta voce.

"**Kemm fil-ġurament u kemm fid-dikjarazzjoni solenni, il-persuna inkarigata għandha d-dmir li tfiehem lil min qiegħed jagħmel dawn l-atti s-serjeta' tal-mument speċjalment jekk tintebaħ li dawn l-atti qed isiru b'ċertu leġġerezza.**

"Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni li l-firma fuq formola hija biżżejjed biex ikollok il-ġurament. Din tista' tammonta għal dikjarazzjoni jew stqarrija falza. Ta' dan l-appellat diġa' nstab ħati taħt it-tielet imputazzjoni. Iżda altru stqarrija falza u altru ġurament falz.

"Il-fatt li diversi artikoli, ċitati mill-Avukat Ġenerali b'approvazzjoni, jsemmu l-formola tal-kliem biss huwa biss prova li l-leġislatur fittex il-kliem addattat skond iċ-ċirkostanza fejn qed issir xi ħatra iżda ma jfissirx li l-ġurament jew id-dikjarazzjoni solenni jieqaf/tieqaf hemm.

"Jekk nargumentaw li l-formola hija biżżejjed inkunu qed immorru kontra l-artikolu 111 tal-Kap 12 u prattika kostanti ta' kif jingħata l-ġurament kemm fil-Qorti kif ukoll fid-dipartimenti tal-gvern, fl-ambaxxati ta' Malta, jew entititajiet oħra statali. Il-poplu jafha sew din il-prattika. Għalhekk huwa inutli li nirreferu għal-liġijiet barranin għax dawn mhux bilfors jinkludu xi att estern bħalma huwa l-bews tas-salib, it-tqegħid tal-id fuq il-Bibbja jew fuq il-Koran

meta jkun qiegħed jittieħed il-ġurament kemm waqt proċeduri fil-Qorti kif ukoll meta l-ġurament jingħata f'xi post ieħor u għal skopijiet oħra.

"Il-formoli huma importanti għax iħaffu x-xogħol kemm jista' jkun, ikunu addattati għaċ-ċirkostanzi u jagħtu wkoll ċerta uniformita` fejn ikunu qed jilqgħu għall-ħtiġijiet identiċi. Iżda l-uffiċċjal inkarigat m'għandux ikun sodisfatt li wieħed iffirma, ħallas u telaq 'il barra qisu qatt ma ġara xejn. Huwa importanti li l-uffiċċjal inkarigat ikollu personalita` qawwija biżżejjed li fejn hemm bżonn iwissi lil dak li jkun dwar il-kontenut li jkun qed jinħalef jew jiġi dikjarat solennement u l-konsegwenzi ta' affidavit li jkun falz. Imbagħad, wara din l-ispjegazzjoni jew twiddiba, min jagħmel l-affidavit jiffirma u <u>jbus is-salib</u> (f'każ ta' ġurament). **Din hija l-vera amministrazzjoni tal-ġurament**."

Illi l-Prosekuzzjoni bbażat it-tieni imputazzjoni fuq dak li wasal għalih l-espert tekniku fejn fir-rapport iddikjara li:

*"Jigi rilevat wkoll li minn ezami tal-provi migbura f'dan il-kaz, jidher li hemm diskrepanzi notevoli fix-xhieda li inghatat b'mod partikolari ix-xhieda ta' Matthew Grech u Josephine Shanna Grech Xerri min-naha u Jonathan Grech min-naha l-ohra. Matthew Grech u Josephine Shanna Grech Xerri xehdu bil-gurament li l-vittma ntlaqat mill-ispeedboat Skorpion. Min-naha l-ohra Jonathan Grech meta mistoqsi b'liema opra tal-bahar intlaqat il-vittma, ghazel li ma jwegibx. Aktar tard pero` fid-deposizzjoni tieghu Jonathan Grech jammetti li jista' jkun*

*il-kaz li l-vittma intlaqat bid-dinghy u mhux bl-ispeed boat. Il-verzjoni ta' Matthew Grech u Josephine Shanna Grech Xerri hija wkoll kontradetta mix-xhieda okulari li raw l-incident isehh. Infatti kemm Diane Georgina Stanley kif wkoll Keith Raymond Brown jaghmlu riferenza ghall-fatt li Matthew Grech kien qieghed isuq dinghy fil-mument tal-incident. Fl-ebda hin ma jaghmlu riferenza ghal xi speedboat. Apparti minn hekk Josephine Shanna Grech Xerri tixhed li Jonathan Grech mar vicin fejn kien qieghed Matthew Grech b'dinghy u mhux bl-ghawm kif jinsistu x-xhieda okulari tal-incident. Anke l-istess Jonathan Grech jammetti li huwa mar bl-ghawm ghall-post fejn sehh l-incident. Dan kollu jaghti wiehed x'jifhem li kemm Matthew Grech kif wkoll Josephine Shanne Grech Xerri setghu taw gurament falz quddiem il-Perit Legali. Jidher li dan sar bl-iskop li jitghatta l-fatt li d-dinghy dakinhar li sehh l-incident kellu mutur differenti minn dak indikat fic-certifikat tar-registrazzjoni mahrug minn Transport Malta;*

[…]

*Mill-provi irrizulta wkoll li fil-gurnata li sehh l-incident, id-dinghy li kien involut fl-incident u cioe d-dinghy registrat bin-numru S 20918 kien armat b'magna Yamaha 50 HP meta suppost skont ir-registrazzjoni li kienet ghadha vigenti dakinhar, id-dinghy kellu jkun armat b'magna Yamaha 30 H.P.*

*[…]*

*Ic-certifikat tar-registrazzjoni aggornat b'magna ta' Yamaha 50 H.P. hareg biss fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju 2016 u cioe` jumejn wara*

*li sehh l-incident. Dan skont kif jikkonferma d-dokument JG 1 prezentat waqt id-deposizzjoni ta' Jonathan Grech. Fil-mument ghalhekk li sehh l-incident id-dinghy in kwisjtoni kellu biss certifikat li kien jindika li l-istess dinghy kellu magna ta' Yamaha 30 HP. Dan huwa c-certifikat Dokument JG 2 prezentat wkoll waqt id-deposizzjoni ta' Jonathan Grech. Dan ifisser ghalhekk li d-dinghy fis-19 ta' Gunju 2016 kellu jkun armat bil-magna Yamaha 30 HP u mhux b'magna Yamaha 50 H.P u dan biex ikun jirrifletti l-ispecifications li kien hemm fl-istess certifikat tar-registrazzjoni.*

*L-obbligu li wiehed jaghmel uzu minn bastiment registrat u li l-ispecifications tal-bastiment jkunu konformi mac-certifikat rilaxxat mill-Awtorita` komptenti (f'dan il-kaz Transport Malta) johrog minn Regolamenti 3 u 16 tar-Regolamenti dwar Bastimenti Żgħar (Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52). Ir-regolament 3 jistabilixxi li "L-ebda bastiment żgħir m'għandu jintuża fl-ibħra interni u territorjali ta' Malta kemm-il darba dak il-bastiment żgħir ma jkunx reġistrat mal-Awtorita' taħt dawn ir-regolamenti [...]." Ir-Regolament 16 tal-istess Regolamenti jkompli jgħid li: "Kull meta jkun hemm xi tibdil li bih xi dettalji minn dawk imsemmija fiċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ma jkunux għadhom korretti, dak it-tibdil għandu jidħol fiċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ġdid tal-bastiment żgħir. Is-sid jew il-kaptan tal-bastiment żgħir għandu fi żmien erbat ijiem, sabiex tkun tista' ssir dik il-kontrosenjazzjoni mill-Awtorita', jagħti lura ċ-ċertifikat lill-Awtorita' sabiex jiġi mibdul ma' wieħed ġdid." Huwa car ghalhekk li bastiment jkun jista' jintuza fl-ibhra Maltin jekk ikun registrat mal-Awtorita`*

*kompetenti u jekk id-dettalji tac-certifikat jkunu konformi mal-ispecifications attwali tal-bastiment.*

*Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, huwa car li c-certifikat tad-dinghy ma kienx in regola. Dan ghaliex fil-gurnata tas-19 ta' Gunju 2016 ic-certifikat kien ghadu jindika magna Yamaha 30 HP mentri fil-verita l-magna installata fuqu kien ta' Yamaha 50 HP. Din il-magna kienet ilha mill-anqas installata fuq il-bastiment sa mis-16 ta' Gunju 2016. Dan skont kif jikkonferma c-certificate of survey prezentat u markat bhala Dokument JG 3. Ic-certifikat korrett u aggornat inhareg fil-21 ta' Gunju 2016 u cioe` aktar tard mill-erbat ijiem zmien li tikkoncedi l-ligi fir-regolament 16 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.52 sabiex c-certifikat jigi emendat. Ghal dan in-nuqqas huwa responsabbli Jonathan Grech bhala s-sid tal-istess bastiment.*

*Ghalkemm ma gie prodott l-ebda certifikat ta' assikurazzjoni tal-bastiment, huwa car li l-bastiment kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Dan ghar-raguni li l-bastiment gia` kien registrat ma' Transport Malta u fit-termini tar-regolament 5(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.52 l-ebda bastiment ma jkun eligibbli biex jigi registrat ma' Transport Malta jekk ma jkunx hemm vigenti fil-konfront ta' dak il-bastiment polza ta' assikurazzjoni.*

Il-Qorti diġa' trattat dwar iż-żewg eċċezzjonijiet preliminari li għamlet id-difiża fejn intlaqgħu dawn l-eċċezzjonijiet dwar in-nomina li ma kienx hemm poter biex tittieħed xhieda bil-ġurament u li l-imputat ma kellux avukat miegħu meta ttieħdet ix-xhieda tiegħu.

Minħabba dawn il-mankanzi l-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tilliberah.

Stante li l-imputat qiegħed ikun liberat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih il-Qorti mhix tilqa' t-talba biex tikkundannah l-ispejjeż peritali.

In vista tan-nuqqas li kien jeżisti fil-formola tan-nomini tal-esperti fejn ma kienx hemm imniżżel li l-espert kellu l-poter li jisma' x-xhieda bil-ġurament, il-Qorti qiegħda tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Ministru tal-Ġustizzja u lis-CEO Court Services Agency biex il-formola *template* tkun emendata biex ma jkunx hemm konsegwenzi serji fi proċessi oħra ta' importanza għal dawk kollha konċernati. Iż-żewġ nomini *a fol.* 30 u *a fol.* 31 għandhom ikunu mehmuża mal-komunika.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**